MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1268/2003

**Edmund Barbara**

**vs**

**Alexandra Balzan Ruggier**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sbatax-il lira Maltija u tmenin centezmu (Lm217.80) rapprezentanti kwantu ghal mitejn u tnax-il lira Maltija u tmenin centezmu (Lm212.80) bilanc fuq erba' kambjali skaduti u mhux imhallsa u kwantu ghal hames liri (Lm5.00) bhala spejjez ta' ittra legali;**
**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Edmund Barbara li xehed li l-konvenuta kienet hallset l-ammont ta' mitejn u tnax-il lira Maltija u tmenin centezmu (Lm212.80) u fadal biss bilanc ta' hames liri Maltin (Lm5.00). Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba limitatament fis-somma ta' hames liri u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' hames liri Maltin (Lm5.00) bl-imghax legali dekorribli mis-26 ta' Gunju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------